

# Il-Kappellun tal-Kunċizzjoni

Tagħrif miġbur minn Stephen Spiteri



Ġewwa il-Knisja u l-Kunvent ta' S. Antnin, immexxija mill-Patrijiet Franġiskani Minuri ġewwa Għajnsielem Għawdex, fost il-ħafna opri artistiċi li hemm f'din il-knisja fuq il-lemin tal-altar maġġur hemm il-kappellun tal-Kunċizzjoni. L-altar ta' dan il-kappellun huwa ta' rħam ikkulurit li ħadmu l-marmista Vincenzo Testa. Dan l-altar sewa disgħa u għoxrin lira u nofs u tħallas mis-sur Franċesco Pace Asciak u l-familja tiegħu mill-Belt Valletta. L-istess benefatturi żejnu dan l-altar b'sett ta' gandlieri tal-metal abjad, maħdumin mid-ditta Bertarelli u swew disgħa liri.

Fuq dan l-altar insibu Kwadru artistiku tal-kunċizzjoni impitter mill-pittru Fortunato Venuti fis-sena 1905. Dan il-kwadru Hu maqsum fi tnejn. Fuq in-naħa tax-xellug naraw lil San Franġisk fundatur tal-Ordni Franġiskani Minuri imdawwar bis-sħab abjad. Taħt San Franġisk naraw lilL-Beatu Ġwann Duns Skotu, il-Patri li bejn 1306 u 1307, bl-istudju u t-tagħlim teoloġiku tiegħu għallem biex, lil Marija l-Omm t'Alla tingħata l-ġieħ ta' Immakulata Kunċizzjoni, jiġifieri imnissla mingħajr id-dnub oriġinali. Meta t-tagħlim fuq l-Immakulata qabad sewwa l-Farnġiskani saru d-difensuri kbar tagħha tant ili wara l-mewt ta' Fra Ġwann Skotu huma komplew fejn ħalla hu, sa kemm nhar it-8 ta' Diċembru 1854 il-Papa Piju IX iddikjara bħala domma tal-fidi li l-Madonna twieldet mingħajr id-dnub oriġinali, bit-titlu ta' Immakulata Kunċizzjoni. Fuq in-naha tal-lemin f'dan il-kwadru naraw ix-xbieha tal-Madonna liebsa libsa bajda u b'mant ikħal b'terħa kaħlanija madwar qaddha. F'idha x-xellugija qed iżżomm ġilju abjad simbolu tas-safa. Madwar il-Madonna naraw xi angli, fl-waqt li riġlejn il-Madonna qed jisħqu ras is-serp simbolu tax-xitan, fuq globu simbolu tad-dinja. Naraw ukoll li fuq wara tal-globu hemm in-nofs qamar li jissimbolizza li l-Madonna hija ukoll Universali. Dan il-kwadru ħallsu għalih l-istess benefatturi li ħallsu l-altar ta' dan il-kappellun u swielhom ħmistax-il lira.

Fuq dan il-kwadru insibu l-arzella li turina lill-qaddis S.Antnin ta' Padova (patrun ta' din il-knisja) jiġi imqabbad minn San Franġisk biex jgħallem. Ix-xogħol ta' din l-arzella ġie nawgurat fit-23 ta' Ġunju 1964. Qabel nagħlaq nixtieq ngħid xi ħaġa dwar iż-żewġ kwadri żgħar li jkomplu jżejnu dan il-kappellun: wieħed hu ta' San Leonardu minn Porto Maurizio li sewa ħames liri u li ħaseb għalih P.Leonardu Zammit u l-ieħor juri lil San Bernardin ta' Siena li tħallas mill-aħwa Lwiġi u Dimitri Scicluna mix-Xewkija. Dawn iż-żewġ kwadri huma xogħol ta' Fortunato Venuti ukoll.

Dan il-kappellun iddedikat lill-Immakulata Kunċizzjoni huma indukrat sew kif inhuma l-affarijiet l-oħra kollha ta' din il-knisja rikka fl-arti sagra.

Ref: Dan it-tagħrif kien meħud mill-ktieb "Il-franġiskani f'Għajnsielem" ta' P.Ġorġ Aquilina OFM edizzjoni TAU.